16.11.2023 A9-0319/459

**Emenda 459**
**Grace O'Sullivan**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A9-0319/2023**
**Frédérique Ries**
L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**Proposta għal regolament**
**Premessa 111a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(111a) Ir-riċiklaġġ mekkaniku tal-iskart tal-plastik jenħtieġ li dejjem jieħu prijorità fuq ir-riċiklaġġ kimiku. Ir-riċiklaġġ kimiku tal-iskart tal-plastik jista' jitqies bħala miżura komplementari għar-riċiklaġġ mekkaniku biss meta jkun impossibbli li l-iskart tal-plastik jiġi riċiklat b'mod mekkaniku, jew meta r-riċiklaġġ kimiku jkun l-uniku mod kif jiġi dekontaminat l-iskart tal-plastik.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa importanti li jiġi ċċarat li r-riċiklaġġ mekkaniku għandu dejjem jieħu prijorità fuq ir-riċiklaġġ kimiku, u li r-riċiklaġġ kimiku jista' jitqies bħala miżura komplementari biss taħt ċerti kundizzjonijiet.*


Magħquda fid-diversità

**Emenda 460**
**Grace O'Sullivan**
f’isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A9-0319/2023**
**Frédérique Ries**
L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 32**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (32) “riċiklat fuq skala kbira” tfisser ***l-iskart miġbur, isseparat u riċiklat permezz tal-infrastruttura u tal-proċessi installati tal-ogħla livell ta’ żvilupp tekniku, li jkopru mill-inqas 75 % tal-popolazzjoni tal-Unjoni, inkluż*** l-iskart mill-imballaġġ ***esportat mill-Unjoni li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 47(5)***; | (32) “riċiklat fuq skala kbira” tfisser ***l-eżistenza ta’ kapaċità suffiċjenti biex*** l-iskart mill-imballaġġ ***miġbur jiġi dirett lejn flussi ta’ skart definiti u rikonoxxuti permezz ta’ proċessi industrijali stabbiliti għall-ipproċessar mill-ġdid f’sistemi reali ppruvati f’ambjent operazzjonali***; |

Or. en

*(Emenda identika għall-Emenda 66 tal-Kumitat ENVI, iżda ż-żieda tat-tħassir tal-aħħar parti tas-sentenza fir-rigward tal-esportazzjonijiet)*

*Ġustifikazzjoni*

*L-imballaġġ għandu jitqies bħala “riċiklat fuq skala kbira” biss jekk hemm kapaċità biżżejjed biex jiġi riċiklat fl-UE. Għandna niżviluppaw aktar l-infrastruttura u l-proċessi tal-ogħla livell ta’ żvilupp tekniku fl-UE sabiex inkunu nistgħu nirriċiklaw l-iskart mill-imballaġġ tagħna stess. Mhuwiex ġustifikat li l-infrastruttura tar-riċiklaġġ f’pajjiżi terzi titqies meta jiġi definit “riċiklat fuq skala kbira”. Ir-riċiklaġġ f’pajjiżi terzi jista’ jgħodd għall-kisba tal-miri jekk jitwettaq f’kundizzjonijiet ekwivalenti (ara Emenda 285 tal-Kumitat ENVI), iżda ma għandux jgħodd għal “riċiklat fuq skala kbira”.*

16.11.2023 A9-0319/461

**Emenda 461**
**Grace O'Sullivan**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A9-0319/2023**
**Frédérique Ries**
L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 7a*** |
| | ***Materja prima b'bażi bijoloġika fl-imballaġġ tal-plastik*** |
| | ***1. Sal-31 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport li jivvaluta l-possibbiltà li jiġu stabbiliti miri għall-użu ta' materja prima b'bażi bijoloġika fl-imballaġġ tal-plastik. Meta jkun xieraq u abbażi ta' dak ir-rapport, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta leġiżlattiva sabiex:*** |
| | ***(a) tistabbilixxi rekwiżiti ta' sostenibbiltà għall-materja prima b'bażi bijoloġika fl-imballaġġ tal-plastik, filwaqt li jitqiesu l-kriterji ta' sostenibbiltà eżistenti stabbiliti fl-Artikolu 29 tad-Direttiva (UE) 2018/2001;*** |
| | ***(b) tistabbilixxi miri għall-użu ta' materja prima b'bażi bijoloġika fl-imballaġġ tal-plastik;*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Għandhom jiġu introdotti miri għal materja prima b'bażi bijoloġika. Dan għandu jsir b'mod separat mill-miri għall-kontenut riċiklat fl-imballaġġ tal-plastik, peress li huma żewġ affarijiet kompletament differenti. Għandu jiġi introdott artikolu ġdid biex jittratta l-materja prima b'bażi bijoloġika fl-imballaġġ tal-plastik. Jekk jingħata permess biex il-materja prima b'bażi bijoloġika verġni tgħodd għall-miri għall-kontenut riċiklat, kif previst fl-Emenda 138 tal-Kumitat ENVI, dan jimmina l-għan tar-Regolament dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-*

*Imballaġġ li jingħata spinta lir-riċiklaġġ tal-plastik. Dan iqarraq ukoll lill-konsumaturi, li b'mod korrett jassumu li l-kontenut riċiklat ifisser kontenut riċiklat u mhux kontenut b'bażi bijoloġika.*

16.11.2023 A9-0319/462

**Emenda 462**
**Grace O'Sullivan**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A9-0319/2023**
**Frédérique Ries**
L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 1. L-operaturi ekonomiċi ma għandhomx jintroduċu fis-suq l-imballaġġ fil-formati u għall-finijiet elenkati fl-Anness V. | 1. ***Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2027,*** l-operaturi ekonomiċi ma għandhomx jintroduċu fis-suq l-imballaġġ fil-formati u għall-finijiet elenkati fl-Anness V. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-restrizzjonijiet ta' imballaġġ superfluwu fl-Anness V huma dispożizzjonijiet ewlenin biex jintlaħqu l-għanijiet ta' prevenzjoni tal-iskart tar-Regolament dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ. Minħabba li l-livell tal-iskart mill-imballaġġ fl-UE jinsab f'livell rekord u huwa pproġettat li jiżdied b'20 % sal-2030, miżuri b'saħħithom u urġenti għall-prevenzjoni tal-iskart huma kruċjali. Id-dewmien tar-restrizzjonijiet fl-Anness V sal-2027 se jagħmilha biss aktar diffiċli għall-Istati Membri biex jilħqu l-miri tagħhom għat-tnaqqis tal-iskart sal-2030.*


Magħquda fid-diversità

**Emenda 463**
**Grace O'Sullivan**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A9-0319/2023**
**Frédérique Ries**
L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-operaturi ekonomiċi ma għandhomx jintroduċu fis-suq l-imballaġġ fil-formati u għall-finijiet elenkati fil-punt 3 tal-Anness V mill-1 ta' Jannar 2030. | 2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-operaturi ekonomiċi ***tas-settur tal-fast-food*** ma għandhomx jintroduċu fis-suq l-imballaġġ fil-formati u għall-finijiet elenkati fil-punt 3 tal-Anness V mill-1 ta' Jannar 2030. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ma hemm l-ebda raġuni biex l-imballaġġ li jintuża darba biss għall-ikel u x-xorb li jimtela u jiġi kkunsmat f'bini fis-settur tal-HORECA ("konsum tal-ikel u x-xorb fuq ġewwa") jitħalla jkompli sal-2030. Alternattivi li jistgħu jerġgħu jintużaw ilhom disponibbli għal sekli u tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku f'kafetteriji u ristoranti u għandhom jintużaw kullimkien, soġġetti għal eżenzjoni għal mikrointrapriżi taħt ċerti kundizzjonijiet. L-uniku settur mhux ta' mikrointrapriżi li għandu sfida huwa is-settur tal-fast-food. Għalhekk huwa ġustifikat li s-settur tal-fast-food jingħata aktar żmien biex jaqleb għall-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża għall-konsum tal-ikel u x-xorb fuq ġewwa.*


Magħquda fid-diversità

16.11.2023 A9-0319/464

**Emenda 464**
**Grace O'Sullivan**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A9-0319/2023**
**Frédérique Ries**
L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri ***jistgħu*** jeżentaw lill-operaturi ekonomiċi mill-punt 3 tal-Anness V jekk jikkonformaw mad-definizzjoni ta' mikrokumpanija f'konformità mar-regoli stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361 , kif applikabbli fi [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], u fejn ma jkunx teknikament fattibbli li ma jintużax l-imballaġġ jew li jinkiseb aċċess għall-infrastruttura li hija meħtieġa għall-funzjonament ta' sistema ta' użu mill-ġdid. | 3. L-Istati Membri ***għandhom*** jeżentaw lill-operaturi ekonomiċi mill-punt 3 tal-Anness V jekk jikkonformaw mad-definizzjoni ta' mikrokumpanija f'konformità mar-regoli stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361, kif applikabbli fi [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], u fejn ma jkunx teknikament fattibbli li ma jintużax l-imballaġġ jew li jinkiseb aċċess għall-infrastruttura li hija meħtieġa għall-funzjonament ta' sistema ta' użu mill-ġdid. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-Emenda 188 tal-Kumitat ENVI tistabbilixxi, fir-rigward tal-mikrokumpaniji, eżenzjoni ġenerali u mingħajr kundizzjonijiet mill-projbizzjoni tal-użu tal-imballaġġ li jintuża darba biss għall-konsum tal-ikel u x-xorb fuq ġewwa, kif ukoll tippermetti tali eżenzjoni għas-settur soġġett għal ċerti kundizzjonijiet. Tali eżenzjonijiet wiesgħa jimminaw kompletament l-obbligu tal-użu tal-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża. Il-mikrokumpaniji — u l-mikrokumpaniji biss — għandhom tabilħaqq jiġu eżentati, iżda biss jekk ma jkunx teknikament fattibbli għalihom li jużaw imballaġġ li jista' jerġa' jintuża jew li jiksbu aċċess għall-infrastruttura li hija meħtieġa għall-użu mill-ġdid.*


Magħquda fid-diversità

**Emenda 465**
**Grace O'Sullivan**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A9-0319/2023**
**Frédérique Ries**
L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 22 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Mill-1 ta' Jannar 2030, id-distributuri finali b'żona ta' aktar minn 400 m², esklużi ż-żoni kollha tal-ħżin u tad-dispaċċ, għandhom jiddedikaw 20 % taż-żona tal-bejgħ tagħhom għall-istazzjonijiet tal-mili mill-ġdid kemm għall-prodotti tal-ikel kif ukoll għal dawk mhux tal-ikel.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-prodotti tal-ikel u dawk mhux tal-ikel diġà jistgħu jinxtraw fi ħwienet bl-ingrossa madwar l-Ewropa, iżda dawn għadhom prodotti niċċa. Sabiex ix-xiri bl-ingrossa jiġi integrat aktar, mill-2030 għandu jiġi offrut minimu ta' spazju ta' art ta' 20 % lil prodotti mibjugħa bl-ingrossa mill-bejjiegħa bl-imnut il-kbar kollha, rekwiżit li diġà ġie stabbilit fil-liġi Franċiża, aktar milli sempliċiment aspirazzjoni ("għandhom jagħmlu ħilithom biex jiddedikaw") ta' 10 % bħal fl-Emenda 195 tal-Kumitat ENVI.*


Magħquda fid-diversità

16.11.2023 A9-0319/466

**Emenda 466**
**Grace O'Sullivan**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A9-0319/2023**
**Frédérique Ries**
L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 26 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***3 a. Id-distributur finali li jqiegħed fis-suq fit-territorju ta' Stat Membru xorb sħun jew kiesaħ, fl-imballaġġ għall-bejgħ, ġo kontenitur fil-punt tal-bejgħ għal take-away għandu:*** |
| | ***(a) jiżgura li mill-1 ta' Jannar 2030, 20 % ta' dak ix-xorb ikun disponibbli f'imballaġġ li jista' jerġa' jintuża fi ħdan sistema għall-użu mill-ġdid;*** |
| | ***(b) jiżgura li mill-1 ta' Jannar 2040, 60 % ta' dak ix-xorb ikun disponibbli f'imballaġġ li jista' jerġa' jintuża fi ħdan sistema għall-użu mill-ġdid;*** |

Or. en

*(Din mhix marbuta mal-Emenda 200 tal-Kumitat ENVI, li hija dwar ix-xorb mhux alkoħoliku, filwaqt li din l-emenda hija dwar ix-xorb take-away. Għalhekk din għandha tiġi vvutata indipendentement mill-Emenda 200 tal-Kumitat ENVI.)*

*Ġustifikazzjoni*

*Riżultati preliminari minn studju riċenti taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka bit-titolu "Environmental Analysis of Reuse Scenarios" (Analiżi ambjentali tax-xenarji dwar l-użu mill-ġdid), sabu li l-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża għax-xorb take-away kiseb prestazzjoni aħjar mill-imballaġġ li jintuża darba biss meta jkun parti minn sistema ta' użu mill-ġdid. Ġew imkejla 16-il impatt ambjentali u l-punteġġ aggregat għall-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża kien ogħla minn dak tal-imballaġġ li jintuża darba biss. B'mod partikolari, instab li l-imballaġġ tat-take-away li jista' jerġa' jintuża kellu inqas impatt fuq l-użu tal-ilma u t-tibdil fil-klima meta mqabbel mal-imballaġġ tat-take-away li jintuża darba biss. Għalhekk huwa importanti li jiġu stabbiliti miri ċari.*



Magħquda fid-diversità

16.11.2023 A9-0319/467

**Emenda 467**
**Grace O'Sullivan**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A9-0319/2023**
**Frédérique Ries**
L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 26 – paragrafu 3b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3b. Distributur finali li jkun qiegħed iwettaq l-attività kummerċjali tiegħu fis-settur tal-HORECA u li jqiegħed fis-suq fit-territorju ta' Stat Membru ikel take-away lest u ppreparat, f'imballaġġ għall-bejgħ, maħsub għall-konsum immedjat mingħajr il-ħtieġa ta' ebda preparazzjoni ulterjuri, u tipikament ikkonsmat mir-reċipjent, għandu:*** |
| | ***(a) jiżgura li mill-1 ta' Jannar 2030, 10 % ta' dawk il-prodotti jkunu disponibbli f'imballaġġ li jista' jerġa' jintuża fi ħdan sistema għall-użu mill-ġdid;*** |
| | ***(b) jiżgura li mill-1 ta' Jannar 2040, 25 % ta' dawk il-prodotti jkunu disponibbli f'imballaġġ li jista' jerġa' jintuża fi ħdan sistema għall-użu mill-ġdid;*** |

Or. en

*(Din mhix marbuta mal-Emenda 201 tal-Kumitat ENVI, li hija dwar ix-xorb alkoħoliku, filwaqt li din l-emenda hija dwar l-ikel take-away. Għalhekk din għandha tiġi vvutata indipendentement mill-Emenda 201 tal-Kumitat ENVI.)*

*Ġustifikazzjoni*

*Riżultati preliminari minn studju riċenti taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka bit-titolu "Environmental Analysis of Reuse Scenarios" (Analiżi ambjentali tax-xenarji dwar l-użu mill-ġdid), sabu li l-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża għall-ikel take-away kiseb prestazzjoni aħjar mill-imballaġġ li jintuża darba biss meta jkun parti minn sistema ta' użu mill-ġdid. Ġew imkejla 16-il impatt ambjentali u l-punteġġ aggregat għall-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża kien ogħla minn dak tal-imballaġġ li jintuża darba biss. B'mod partikolari, instab li l-*

*imballaġġ tat-take-away li jista' jerġa' jintuża kellu inqas impatt fuq l-użu tal-ilma u t-tibdil fil-klima meta mqabbel mal-imballaġġ tat-take-away li jintuża darba biss. Għalhekk huwa importanti li jiġu stabbiliti miri ċari għal dan is-settur.*

**Emenda 468**
**Grace O'Sullivan**
f’isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A9-0319/2023**
**Frédérique Ries**
L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 26 – paragrafu 7 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 7. L-operaturi ekonomiċi li jużaw l-imballaġġ għat-trasport fil-forma ta’ pallets, ċestuni ***tal-plastik***, kaxex ***tal-plastik*** li jintwew, bramel u ċilindri għat-trasport jew għall-imballaġġ tal-prodotti f’kundizzjonijiet għajr dawk previsti fil-paragrafi 12 u 13 għandhom jiżguraw li: | 7. L-operaturi ekonomiċi li jużaw l-imballaġġ għat-trasport fil-forma ta’ pallets, ċestuni, kaxex li jintwew, bramel u ċilindri għat-trasport jew għall-imballaġġ tal-prodotti f’kundizzjonijiet għajr dawk previsti fil-paragrafi 12 u 13 għandhom jiżguraw li: |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Studju ta’ Naturschutzbund Deutschland sab li fil-Ġermanja 69 % tal-imballaġġ għat-trasport huwa imballaġġ tal-kartun li jintuża darba biss. Il-31 % li jifdal huwa magħmul mill-injam u l-plastik, li l-maġġoranza tiegħu diġà jista’ jerġa’ jintuża. Peress li l-kartun jirrappreżenta l-maġġoranza kbira tal-imballaġġ għat-trasport, iċ-ċestuni u l-kaxex li jintwew kollha għandhom ikunu soġġetti għall-miri għall-użu mill-ġdid u mhux biss dawk tal-plastik. Inkella, din id-dispożizzjoni mhux se jkollha l-ebda impatt reali fuq l-iskart iġġenerat mis-settur tal-imballaġġ għat-trasport. Sistemi ta’ użu mill-ġdid għall-imballaġġ għat-trasport diġà jeżistu u għandhom jintużaw fuq skala akbar sal-2030.*


Magħquda fid-diversità